MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 1831/2001/1

**Registratur tal-Qrati**
**Vs**
**Carmelo Agius**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur Registratur tal-Qrati ppremetta:

1. Peress illi **John Agius** pprezenta rikors fil-11 ta' Ottubru, 2001 (dok "A") li bih huwa rrileva li huwa kien agixxa b'mandat ta' inibizzjoni numru 2753/01 kontra **Carmelo Agius** (dok "B"), u milqugh fil-5 ta' Ottubru, 2001 (dok "C"), sabiex dan ma jkomplix ihammel u jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni fl-ghalqa magenb ir-razzett 81/82

Birkirkara Hill, San Giljan, li bhalissa hija suggett ta' kawza ta' spoll fl-istess ismijiet, citazzjoni numru 389/94DS;

1.1 Peress illi permezz ta' l-istess rikors John Agius irrileva illi dak in-nhar stess tal-prezentata tar-rikors tieghu tal-11 ta' Ottubru, 2001, l-intimat Carmelo Agius beda jqatta' bl-ingenji fl-istess proprjeta';

1.2 Ghaldaqstant huwa talab li din il-Qorti tipprocedi kontra l-intimat ghall-disprezz kontra l-awtorita' taghha.

1.3 Illi b' digriet tat-12 ta' Ottubru, 2001 (dok "D"), din l-Onorabbli Qorti ordnat lill-attur sabiex jipprocedi skond il-ligi.

1.4 Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(a) issibu hati ta' disprezz lejn l-awtorita' taghha skond il-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, Tielet Ktieb, Titolu XVII;

(b) tikkundannah ghall-pieni hemm indikati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur Registratur tal-Qrati a fol. 2 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Agius a fol. 12 tal-process fejn eccepixxa:**

1. Illi t-talbiet tal-attur kif dedotti fil-konfront tieghu huma ghal kollox infondati kemm fattwalment kif ukoll legalment u kwindi ghandhom jigi respinti;

2. Illi fit-tieni lok u b'mod aktar partikolari jigi eccepit inoltre li l-eccippjent la fil-mument tal-mandat de quo u

lanqas in segwitu ta l-istess mandat ma esekwixxa xi xogholijiet lamentati mill-attur u/jew mill-awtur tieghu, b’liema fatt kien ben konsapevoli l-awtur tal-attur stante li kien kellem, avvicina u anke kellu xi jghid mat-terzi persuni li proprja kienu huma nvoluti fl-istess;

3. Illi qed jigi eccepit inoltre li sa miz-zmien tal-hrug tal-mandat de quo, l-eccippjent kien gja ma kellux il-pussess u l-acess tas-sit in kwistjoni stante li l-art de quo kienet ilha tinsab mibjugha lil terzi xhur shah qabel;

4. Illi ghalhekk la qabel – la waqt – u wisq anqas wara – l-hrug tal-mandat de quo, l-eccipjent ma dahal fil u wisq anqas esekwixxa xogholijiet fuq l-art indikata mill-attur u/jew mill-awtur tieghu u dana kif ser jigi ppruvat ahjar waqt l-ismiegh ta’ dawn il-proceduri;

5. B’ riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill l-Avukati difensuri;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

John Agius kien pprezenta rikors biex jittiehdu passi ghal disprezz kontra l-konvenut. Hu ppremetta li kien ghamel mandat ta’ inibizzjoni kontra Carmelo Agius biex jinibih milli jaghmel xogholijiet fi proprjeta’ go B’Kara Hill, San Giljian, soggetta ghal kawza ta’ spoll pendenti bejn l-istess partijiet. Illi nonostante l-hrug ta’ dana l-mandat il-konvenut baqa’ jqatta bl-ingenji fl-istess proprjeta’. Ghalhekk saret dina l-kawza.

Fl-kawza John Agius ipprezenta set ta’ ritratti biex juri kif ipproceda x-xoghol. Huwa cahad li l-Perit Zammit qallu li kien sid ta’ dika l-art. Hu ma rahx lill huh Carmelo Agius jaghmel xogholijiet fuq is-sit u lanqas ma staqsa lill

haddiema li kien hemm fuq il-post jekk kienx qabbdahom huh.

Stanley John Drew xehed bl-Ingliz li *he saw machinery removing soil from a plot near his house but the defendant was nowhere in sight*.

Perit Adrian Zammit xehed li hu sid ta' dina l-proprjeta' li kienet qed tigi zviluppata. Hu kien xtraha minghand il-konvenut skond kuntratt anness u dan ma kienx qallu li John Agius kien qed jippretendi xi dritt ta' passagg izda mhux mill-parti li kien xtara. Meta beda bix-xoghol fuq l-art, Carmelo Agius ma kellu x'jaqsam xejn max-xoghol kommissjonat.

Vincent Cutajar xehed li kien qed jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni fil-post fuq inkarigu tal-Perit Zammit u lill konvenut lanqas jafu.

Il-konvenut xehed li hu m'ghamilx xogholijiet fuq dina l-art billi dina kien bieghha lill Perit Zammit, dok. RA u l-haddiema kien qabbadhom il-Perit Zammit.

Illi fil-premessi tac-citazzjoni hemm dikjarat li l-konvenut kien beda' jqatta bl-ingenji fuq il-proprjeta' kontestata nonostante li kien inhareg il-mandat ta' inibizzjoni. Illi pero' mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li l-konvenut Carmelo Agius ma ghamilx xogholijet fil-post u li l-proprjeta' li fuqha sar il-bini lanqas hija tieghu. Il-proprjeta' inbieghet minnu fit-2000 lill Perit Zammit u dana beda x-xoghol fit-2001.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
l-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talba ta' l-attur
bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------